II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/22

**tas-16 ta' Diċembru 2020**

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/2/2020)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2012/392/PESK il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni.

(2) Fit-2 ta' Mejju 2018, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/726 ([2]), li taħtar lis-Sur Frank VAN DER MUEREN bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger mill-1 ta' Mejju 2018.

(3) Fis-7 ta' Settembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1254 ([3]), li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK u li testendi l-mandat tal-EUCAP Sahel Niger sat-30 ta' Settembru 2022.

(4) Fid-29 ta' Settembru 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1403 ([4]), li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/726 billi jiġi ffisat il-15 ta' Jannar 2021 bħala d-data tat-tmiem tal-mandata tas-Sur Frank VAN DER MUEREN bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger.

(5) Fil-11 ta' Diċembru 2020, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sa Antje PITTELKAU bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Jannar 2021 sal-15 ta' Jannar 2022,

([1]) ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/726 tat-2 ta' Mejju 2018 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/1/2018) (ĠU L 122, 17.5.2018, p. 32).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1254 tas-7 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 294, 8.9.2020, p. 3).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/1403 tad-29 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/726 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/1/2020) (ĠU L 324, 6.10.2020, p. 63).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Antje PITTELKAU hija b'dan maħtura bħala Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) mis-16 ta' Jannar 2021 sal-15 ta' Jannar 2022.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mis-16 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
S. FROM-EMMESBERGER